*Kitba: Marie Briguglio, April 2024*

Wellbeing INDEX

L-Università ta' Malta

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

# Il-Kuntentizza f'Malta

## F'Malta, kulħadd qed jgħix ħajja tajba?

Kulħadd iħossu sodisfatt b'ħajtu? Kulħadd kuntent? Biex inwieġbu nedejna proġett bejn l-Università ta' Malta u l-Malta Foundation for the Wellbeing of Society u bil-kollaborazzjoni tal-Uffiċju ta' l-Istatistika f'Malta. Xtaqna nwieġbu b'mod xjentifiku, permezz ta' statistika, biex b'hekk noħolqu stampa ċara ta' min għandu kejl għoli ta' kuntentizza, u iktar important, ta' min m'għandux.

## Kif?

Mill-2018 'l hawn, kull sena, ġew intervistati mal-10,000 adult, ta' kull età , minn kull reġjun, ta' kull livell ta' edukazzjoni, u stil ta' ħajja. Ġew mistoqsija dwar il-finanzi, ix-xogħol, fejn jgħixu, kif jgħixu, is-saħħa, il-familja, kif iħossuħom ta' kuljum u dwar kemm huma sodisfatti b'ħajjithom.. Użajna mistoqsjiet validi li jintużaw f'pajjiżi oħra Ewropej biex inkunu nistgħu nqabblu.

## Per eżempju?

Nagħtu każ: Aħseb dwar dawn l-aħħar erba' ġimgħat. Għal kemm ħin ħassejtek waħdek? Nervuż u Aġitat? Kemm ħin ħassejtek qalbek maqtugħa u dipressat u ferħan? Kemm ħassejtek kalm u seren? B'mod ġenerali, kemm int sodisfatt b'ħajtek f'dawn il-ġranet? Kemm int sodisfatt bis-sitwazzjoni finanzjarja tad-dar tiegħek? Bix-xogħol attwali tiegħek? Bl-ammont ta' ħin li għandek biex tagħmel l-affarijiet li tieħu gost tagħmel? Bir-relazzjoni personali mal-familja, ħbieb, ġirien u nies oħra li taf? B'din l-informazzjoni seta' jinħoloq mudell biex nifhmu u nbassru il-ġid uman f'Malta.

## X'instab?

L-ewwel nett: li bħala medja, is-sodisfazzjon bil-ħajja fost il-Maltin titqabbel tajjeb ma' dik ta' pajjiżi oħra Ewropej. Immorru tajjeb ukoll fir-relazzjonijiet personali. Però, il-Maltin huma kemxejn inqas sodisfatti bl-użu tal-ħin tagħhom u ġeneralment ikollhom aktar nervi. Raġuni għal dan jista' jkun is-sigħat ta' xogħol pjuttost twal hawn Malta u sitwazzjonijiet ta' kuljum bħal traffiku u storbju.

It-tieni nett: li min hu sodisfatt b'ħajtu, mhux bilfors jinsab iktar kuntent emozzjonalment. Per eżempju, min għandu iktar flus iħossu iktar sodisfatt f'ħajtu, iżda dan ma jsarrafx f'iktar emozzjoni pożittiva bħal kuntentizza. Mill-banda l-oħra, min jgħix f'Għawdex għandu tendenza li jħoss inqas sodisfazzjon bil-ħajja imma fl-istess ħin iħossu iktar kuntent. Is-sodisfazzjon ħaġa, u l-kuntentizza ħaġa oħra.

It-tielet: li filwaqt li bħala medja qegħdin tajjeb, hemm min qiegħed tajjeb ħafna u hemm min qiegħed ħażin ħafna. L-aktar effett negattiv jinħoloq mill-mard, mill-faqar u mis-solitudni.

Insomma, li tistaqsi lin-nies kif qed iħossuħom toħloq statistika interessanti u utli ħafna. Wara kollox, min hemm aqwa biex jiġġudika kif sejra persuna, jekk mhux il-persuna stess? Bi statistika bħal din tista' tara kif sejjer il-pajjiż fuq livell uman mhux biss fuq livell finanzjarju. B'hekk, id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-pajjiż jistgħu jiġu ġġudikati bl'evidenzà skond l-impatt fuq il-ġid uman.